I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-6 ta' Lulju 2018**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije**

**(BĊE/2018/18)**

(2018/C 260/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banka Slovenije, Ernst & Young revizija, poslovno svetovanje, d.o.o., intemm wara l-verifika g]as-sena finanzjarja 2017. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018 'il quddiem.

(3) Banka Slovenije għażel lil Ernst & Young revizija, poslovno svetovanje, d.o.o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2020,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi Ernst & Young revizija, poslovno svetovanje, d.o.o. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Lulju 2018.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI